MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 359/2003

**Cauchi Transport Service Ltd.**

**vs**

**Cusimano Silver Industry Ltd.**

**Il**-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tmien mija u hames liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm2,805.31) rapprezentanti bilanc minn somma akbar, prezz ta' xoghol ta' trasport u spejjez ohra relatati maghmula mis-socjeta' attrici fuq struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta (Dok A).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru u bl-imghax dekorribbli mid-data ta' l-invoices relattivi sad-data tal-pagament kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-25 ta' Mejju, 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------